

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' Marzu 2020 – UPL Europe and Indofil Industries (Netherlands) vs EFSA****(Kawża T-162/20)**

(2020/C 201/44)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

**Rikorrenti:** UPL Europe Ltd (Warrington Cheshire, ir-Renju Unit), Indofil Industries (Netherlands) BV (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: C. Mereu u S. Englebert, avukati)

**Konvenuta:** Awtorità Ewropea dwar is-sigurtà fl-Ikel

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitbolu li l-Qorti Ĝeneralu jogħġobha:

- tiddikjara r-rikors ammissibbli u fondat;
- tannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-sigurtà fl-Ikel (EFSA) tat-28 ta' Jannar 2020, innotifikata lir-riktorrenti fid-29 ta' Jannar 2020, dwar l-evalwazzjoni tal-invokazzjonijiet ta' kunkfidenzjalità magħmula fir-rigward ta' xi partijiet mill-Konklużjonijiet tal-EFSA dwar l-eżami kolleġjali tal-evalwazzjoni tar-riskji marbuta mas-sustanza attiva Mancozeb użata bħala pestiċda (iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”); u
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż kollha tal-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-riktorrenti jinvokaw sitt motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur proċedurali tal-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 (¹): id-deċiżjoni kkontestata ntlaħqet abbażi ta' żbalji proċedurali ta' fatt u ta' liġi.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq sostanzjali tal-Artikolu 13 tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni Nru 844/2012: id-deċiżjoni kkontestata ntlaħqet abbażi ta' żbalji sostanzjali ta' fatt u ta' liġi.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq applikazzjoni żbaljata tal-Artikoli 38, 39 u 40 tar-Regolament Nru 178/2002 (²): il-konvenuta tinterpretu u tapplika ħażin id-dispożizzjonijiet dwar il-kunkfidenzjalità stabbiliti fl-Artikoli 38, 39 u 40 tar-Regolament Nru 178/2002.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 63 tar-Regolament Nru 1107/2009 (³): il-konvenuta kisret l-Artikolu 63 tar-Regolament Nru 1107/2009 billi ddeċidiet li tippubblika l-informazzjoni li r-riktorrenti riedu li ssir kunkfidenzjali, liema ħaġa tista' tippreġudika l-interessi kummerċjali tagħhom.
5. Il-ħames motiv ibbażat fuq nuqqas ta' kompetenza: il-konvenuta aġixxiet ultra vires peress li l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) hija l-unika awtorità li hija legalment responsabbli għall-klassifikazzjoni jew għall-klassifikazzjoni mill-ġdid ta' sustanzi, kif stabbilit fir-Regolament Nru 1272/2008 (⁴), u mhux il-konvenuta.

6. Is-sitt motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipi fundamentali tal-liġi tal-Unjoni: il-prinċipi ta' legalità, ta' ċertezza legali, ta' aspettativi leġittimi, ta' amministrazzjoni tajba u ta' proporzjonalità, kif ukoll tal-obbligu ta' evalwazzjoni diligent u imparzjali: id-deċiżjoni kkontestata bi ksur tal-prinċipi fundamentali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea.

- (<sup>1</sup>) Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 tat- 18 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implantazzjoni tal-proċedura ta' tiġid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protexxjoni tal-pjanti (ĠU 2012 L 252, p. 26).
- (<sup>2</sup>) Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipi ġenerali u l-htigġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 6, p. 463, bir-rettifikasi fil-ĠU L 327, 12.11.2014, p. 9 u fil-ĠU L 227, 20.8.2016, p. 5).
- (<sup>3</sup>) Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protexxjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU 2009 L 309, p. 1).
- (<sup>4</sup>) Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballagħ tas-sustanzi u t-taħlit, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU 2008 L 353, p. 1, bir-rettifikasi fil-ĠU L 16, 20.1.2011, p. 1, fil-ĠU L 349, 21.12.2016, p. 1, u fil-ĠU L 117, 3.5.2019, p. 8).

### Rikors ippreżentat fid-19 ta' Marzu 2020 – BG vs Il-Parlament

(Kawża T-164/20)

(2020/C 201/45)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrent: BG (rappreżentanti: A. Tymen, L. Levi, u A. Champetier, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

#### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-konvenut tal-20 ta' Mejju 2019 li tiċħad it-talba tar-rikorrenti għall-assistenza ta' Lulju 2017;
- jekk hemm bżonn, tannulla d-deċiżjoni tal-konvenut tal-10 ta' Diċembru 2019 li tiċħad l-ilment tar-rikorrenti tal-20 ta' Awwissu 2019;
- tagħti kumpens għad-dannu morali subit mir-rikorrenti minħabba tort tal-konvenut, stmat fis-somma ta' EUR 50 000;
- tħallas lura l-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikkors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt fundamentali tas-smiġħ (Artikolu 41(2)(a) tal-Karta).
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt fundamentali li jkollu l-affarijiet tiegħu trtrattati imparzjalment u b'mod ġust (Artikolu 41(1) tal-Karta) u l-ksur tal-Artikolu 24 SR u tad-dmir ta' premura.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt fundamentali li wieħed jirċievi deċiżjoni li tagħti l-motivi (Artikolu 41(2)(c) tal-Karta u Artikolu 25 SR).